# SIKA TRID TIŻŻEWWEĠ....

Xi mitt sena ilu ġo r-Rabat ta' Għawdex, Kieli ta' Brajna kien qiesu s-Sindku jew l-Arċipriet, kien jafu r-Rabat bi ħġaru. Taf fejn kien ipożdi? Sda, Carità trejka li mittrieq tal-Knisja tal-Bambini, hekk imlaqqma dik il-Knisja tar-rħieb tal-Carità, twasslet sewwa-sew sa quddiem is-sakristija ta' San Ġorġ.

Kieli f'din it-trieq kellu dar u ħallieha lil l-erbat ibniet li kellu mlaqqmin l-erba' staġuni. Tgħid għadx fadal min jiftakarhom l-erba' xebbiet ta' Kieli ta' Brajna, il-lum kollha tnaqqew waħda wara l-oħra, sa ħamsin sena ilu kien għad fadal tnejn minnhom Grezzjulla u Rita, u kienu jagħmluha tajjeb; missierhom xi uqitejn kien ħallielhom, barra id-dar fejn kienu joqogħdu u xi żewġ lokijiet oħra, kellhom ukoll erba' ġonot raba' wara ta' għajnqatet u l-Vgura taħt ir-riħ tal-Għarb: barra minn dan il-ġid, kienu jlaqqtu sewwa u jfaddlu xi sold ukoll mix-xogħol ta' idejhom, għax Grezzjulla u Sika minn sbieħ ommu sa għib ix-xemx kienu jagħżlu bir-raddiena; fl-Avemarija bomm jerfgħu mix-xogħol ixiddu l-għonnella ta' fuqhom jorbtulek il-maktur abjad għoqda ċoff sa taħt għonqhom, il-għonnella ta' rashom u jerħulha lejn il-Knisja ta' Santu Wistin fuq it-tomba, hemm kien rawwimhom jisimgħu l-quddies missierhom, jinvistaw, u Grezz, il-kbira fost it-tnejn tqassam ħames posti rużarju, għarrkobbtejhom mill-bidu sa l-aħħar u mill-ġdid għad-dar; u wara l-fatra erħilhom għal fuk ir-raddiena; jintasbulec għall-qiegħa ta' l-art bil-musbieħ ta' ħabba mixgħul fuq l-imnara u jqattgħulek sagħtejn oħra sahra fuq siegħa lejl.

Grezzjulla u Sika kienu jaħdmu bl-imqieta; Toni tat-Tutur kien jagħtihom il-maħluġ u huma jrodduhulu mraden. Kien jagħtihom irbgħajjejn għal kull ratal imraden. U baqgħu jistinkaw sa l-aħħar u għidlek li ż-żewġ staġuni kellhom mfaddlin erba' ħabbiet sewwa!.. biċ-ċiera dejjem fuk l-imbierka ta' raddiena, igħaddu b'ħabba, ix-xogħol ta' idejhom kienu jfaddlu iżjed minn nofsu u l-qbiela u xi uqitejn tar-renta għal ġewwa l-moħba.

Mela, kien ix-xahar tar-Rużarju, u għal xi t-tmienja ta' fil-għaxija, kif kienu Grezzjull u Sika minsuba fl-art bil-musbiħ inemnem ma' ġenbhom, Sika dehrilha li semgħet ħoss ċkejken taħt is-sodda u li rat ukoll it-turnalett tas-sodda bħal jiċċaqlaq xi nitfa......

Għandna n-nies, qalet bejn ruħha u bejna, iżda xejn ma ttiefset minn barra, baqgħet tfesdaq l-imranen mill-imsierek, u titħasseb x' taqbad tagħmel biex tgħajjat l-ajjut, bla ma jinduna l-ħalliel u... Grezzjull, kegħdha ngħid, koss, kemm aħna boloh... bqajna nistinkaw u naħdmu bla ma żżewwiġna u la għandna min idur bina u lanqas ma għandna 'l min inħallu ġidna... jiena, jekk ikolli, niżżewweġ għad li kbirt! –X'inti thewden, mela qiegħdha titlef?!—Grezzjull, għaddielha minn rasha... u kienet bejn ħaltejn jekk oħtha Sika kinitx issamsar, hix qiegħda tgħid bil-ħlieqa jew inkella għaddilhiex xi riħ ħażin minn għala moħħa.—

....U mhux biċ-ċajt qiegħda ngħid. Irrid niżżewweġ, għax dan... mhux qagħdi hawn.... u qamet, telqet l-imraden u tieħu xejra dritt għal ġol-gallarija tal-ħaġar li tiġi sewwa-sew fuq il-blajjet ta' fuq il-bieb ta' barra! u... niżżewweġ irrid, xirfet tgħajjat b'kemm kellha ħanxra, u l-lejla rrid niżżewweġ! Grezzjull, qabadha ferħ ta' ġenn, meta rat lil Sika b'dik id-dehwa, b'ħalq daqsiex tgħajjat mill-gallarija li dik il-lejla stess trid tiżżewweġ! u, qalbha tħabbat sitta-sitta, bdiet issul magħha u ssikkitha kif tista'; iżda:

—Irrid niżżewweġ! Kompliet ittenni waħda f'waħda Sika; u sadattant in-nies bdiet tinġabar ġmielha wara l-bieb tagħhom, resqu wkoll xi tliet ġandarmi u s-sottospettur, ir-rajjes tal-pulizija ta' Għawdex, u dan qal lil Grezz: inżel iftħilna: iżda Grezz wiġbitu: ma nivdahiex, għax nibża' li taqbiżli għal isfel! Is-sottospettur f'leħħa ta' berqa qal lil wieħed mill-ġandarmi jnewwel bilġri sellum u f'kemm ili ngħidlek hu u l-ġandarmi telgħu bħal egħfiered u qabżu ġol-gallarija.

—Alla jibgħatha tajba l-lejla—qal Wistin it-Tullier minn taħt il-lsien, lil wieħed minn sħabu; jekk m'għandux jordnana għal Malta l-lejla b'Sika għal ta' Frankuni!

U Sika, b'nifs qawwi, iżda bħal waħda li donnu serrħet rasha, tgħajjat: irrid niżżewweġ iva u l-lejla.

—Aħna nżewġuk, qallha s-sottospettur b'nofs daħka, iżda, il-lejla lil min tridna nżewġuk dal-ħin, f'ġieħ l-erba' staġuni! Weġbitu, fil-ħin li wriet it-turnalett tas-sodda.

—Lil dak ta' taħt is-sodda!

Kelment Bezzina u Kurun Ħaber, żewġ pulizija, jikxfu malajr it-turnalett, u, ja binti, isibu mimdud minn tulu għal żaqqu raġel, b'sabru jistenna 'l Grezz u 'l Sika, jidħlu ġos-

sodda biex mal-lejl jivgahom u jisirqilhom il-mifles li ħallielhom missierhom u li bir-renta u bl-istink tagħhom kattruh għal darbtejn jew tlieta; iż-żewġ sbirri u l-ieħor sħabhom, bil-għajnuna wkoll tas-Sottospettur, ħatfu f' chemm ili ngħidlek lill-ħalliel, karkruh lejn il-Kastell u l-għada immanettjat niżżluh Xambre u parpruh lewt lewt lejn Malta fuq dgħajsa tal-pass ta' Pupul tal-Firilla; sat-tlieta kien taħt l-imfietah tal-Klistanija.

U Sika?

—Miniex miġnuna... Sika qalet lil Grezz!

Trid tara 'l Grezz imqabbda f'Sika tgħannaqha u tbusha!

U Sika bil-għaqal ta' rasha kellha l-ħila teħles mill-mewt hi u lil oħtha Grezzjull.

R. M. B.